# San Ġorġ ta' Bir Bitut u Santa Marija ta' Sillato

## *Żewġ kappelel li m'għadhomx jeżistu fit-territorju ta' San Ġiljan*

**Prof. Stanley Fiorini**

Meta San Ġiljan inqata' għalih mill-matriċi ta' Birkirkara, l-ewwel bħala viċi parroċċa fl-1849 u wara, fl-1891, bħala parroċċa għalkollox indipendenti, it-territorju assenjat lilu mill-Isqof Monsinjur Pietru Pace kien mifrux sew u jħaddan medda art ġmielha li tibda fin-naħa tat-Tramuntana sat-triq pubblika ta' San Ġorġ, mal-baħar, tinfirex lejn in-Nofsinhar sal-Kulleġġ ta' Sant'Injazju tal-Ġiżwiti u tieħu lejn il-Punent sat-toroq tal-Franċiż, Sant'Andrija u l-Mensija. Ħafna minn dan it-territorju llum tnaqqar mat-twaqqif ta' parroċċi oħra madwar li ħadu qatgħat minn dik ta' San Ġiljan, bħalma huma Tas-Sliema (Stella Maris) fl-1878, il-Gżira fl-1902, San Ġwann fl-1965, Ta' Balluta fl-1974 u dan l-aħħar, Ta' Pembroke fl-2004. Fil-firxa oriġinali kien hemm żewġ kappelel qodma bosta li nafu bihom sa mill-ewwel snin tas-seklu ħmistax, li darba kienu jagħmlu ma' Birkirkara, imma li kienu diġà ġew fix-xejn meta San Ġiljan sar parroċċa.

### San Ġorġ ta' Bir Bitut

Il-bajja popolari ta' San Ġorġ tieħu isimha minn din il-knisja żgħira isimha marbut mal-maħras, jiġifieri dik l-għassa tax-xtut li sa mill-Medjuevu kienet tħares dawn il-gżejjer mill-ħbit tal-għadu. L-irġiel b'saħħithom kollha ta' Malta bejn is-sittax u l-ħamsa u s-sittin sena kellhom, mingħajr ebda ħlas, jagħtu l-kontribut tagħhom għal din l-għassa organizzata mill-Università tal-Imdina li kienet tassenja tlett irġiel għal kull lejla biex joqogħdu jgħarrxu f'lokalitajiet fissi madwar ix-xtajta tat-Tramuntana tal-gżira. Kull waħda minn dawn il-posti kienet tidher minn dik ta' qabilha u dik ta' warajha sabiex f'każ ta' allarm kien jintbagħat sinjal bin-nar u d-duħħan li jidher mill-għases ġirien u b'hekk malajr mal-gżira kollha kienet tixgħel l-aħbar ħażina. Aktar tard, mal-miġja tal-kavallieri, dawn il-posti ssaħħu bit-twaqqif ta' torrijiet kif għad nistgħu naraw illum. Wieħed minn



*It-torri ta' San Ġorġ illum.*

dawn il-posti kien sewwasew ħada l-knisja ta' San Ġorġ – *It-Torri ta' San Ġorġ* li twaqqaf hemm għadu jeżisti imma ftit jafu bih għax ma jidhirx billi jinsab mirdum f'nofs il-Hotel Corinthia; min jaf x'għad isir minnu! – u l-ġirien ta' din il-posta tal-għassa kienu, lejn il-Majjistral, *Nadur Qallel* – illum *It-Torri tal-Madliena* – u, lejn ix-Xlokk, *Ta' Ġnien il-Fieres*, jiġfieri *t-Torri ta' San Ġiljan*. Ma ninsewx li l-isem antik ta' dawn l-inħawi kien *Qaliet Ġnien il-Fieres*, u dak li fadlilna minn dan l-isem sabiħ taż-żewġ bajjiet tagħna – *Spinola*, jew ta' ġewwa, u *Balluta*, jew ta' barra – hu *Il-Qaliet* u *Villa Fieres* li nittamaw li meta terġa' tqum fuq saqajha din il-villa ma jagħtuhiex xi isem modern u fancy ieħor.

L-ismijiet Medjevali tal-posti tal-għassa nafuhom minn dokument tas-sena 1417 u għalhekk nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-knisja ta' San Ġorġ ta' Bir Bitut kienet diġà hemm f'dik is-sena. F'atti notarili tas-seklu ta' wara – tan-Nutar Ġlormu Cumbo tal-1537 u tan-Nutar Ġużeppi de Guevara tal-1549 – San Ġorġ ta' Bir Bitut kien għadu marbut ma' dik ix-xaqliba, magħrufa bħala *Ta' Ras il-Qortin*, li kienet titqies bħala parti mis-*Swieqi*, hekk li għalqa fil-qrib jisimha *Ta' Bin l-Iswed* darba tissejjaħ bħala qiegħda s-*Swieqi* u darb'oħra bħala qrib San Ġorġ ta' Bir Bitut f'atti notarili oħra ta' dik il-ħabta. L-istess nistgħu ngħidu għal għelieqi oħra bħal dik jisimha *Gudjet il-Għulem* fl-atti tan-Nutar Consalvo Canchur (1523) u ta' Grazzjan Vassallo (1528).


*Il-bajja ta' San Ġorġ bit-torri jidher fuq ix-xellug. Hajr lil Noel Falzon*

Jidher mill-vista pastorali li kien għamel f'dawn l-inħawi l-Isqof Gargallo fl-1601, li din il-kappella kienet miżmuma b'mod deċenti ħafna għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies f'jum il-festa tagħha. Kellha altar wieħed u ikona kbira fiha li tirrappreżenta lil San Ġorġ u kien jieħu ħsieb li jixgħel il-lampier u l-manteniment ġenerali tal-knisja ċertu Teramu Micallef minn Birkirkara; għal dan il-għan kellha daqsxejn proprjetà tagħha f'għamla ta' wejba (erbat itmien) raba' fil-qrib jisimha *Iċ-Ċens ta' San Ġorġi*. Il-knisja ġiet dekonsagrata fit-23 ta' Marzu 1659 meta l-kwadru tagħha ttieħed fil-parroċċa ta' Birkirkara.

**Santa Marija ta' Sillato**

Fl-istess żmien li tissemma l-kappella ta' San Ġorġ ta' Bir Bitut insibu kif ċertu Manfred Xiberras, imlaqqam *Paraq* jew *Beraq*, kien bena knisja żgħira dedikata lil Santa Marija fl-inħawi tal-Kappara. Dawn ta' Paraq kienu fergħa tal-familja qadima ta' Xiberras li għalihom kien imsemmi dak l-ilsien art bejn iż-żewġ portijiet kennija li fuqu aktar tard inbniet il-Belt Valletta, għax kellhom ħafna proprjetà hemmhekk, fil-*Wardija ta' Sant'Iermu*. Dan Manfred, meta ġie biex iħalli din id-dinja, għamel it-testment tiegħu fl-20 ta' Jannar 1449 għand in-Nutar Luqa Sillato li fih ħalla bħala eredi universali lil ibnu Dun Leonardu bl-obbligu li mid-dħul ta' ħarġa raba' fl-Imrieħel kellu jieħu ħsieb u jsebbaħ din il-kappella

li kien bena fl-Għargħar; aktar tard saru jsibuha bħala l-*Knisja ta' Santa Marija ta' Sillatu* jew *Tal-Primat*. Dun Leonard ħa dan l-inkarigu b'impenn kbir u mill-art fl-Imrieħel waqqaf benefiċċju bl-isem *Ta' Bir Qandur* (f'testi korrotti, *Berdingut*, forsi, *Bir Handul*), ġuspatronat tal-familja Xiberras li r-retturi tiegħu kellhom ikunu mill-familja Xiberras ta' Paraq. Hekk insibu li, fl-1486, ir-rettur ta' dan il-benefiċċju kien f'idejn Dun Piet Xiberras, in-neputi ta' Dun Leonardu u baqa' f'idejh sa mewtu fl-1519. F'dik is-sena għadda f'idejn Dun Nerik Sillato. Jerġa' jissemma f'att notarili tan-Nutar Brandan Caxaro tal-1538. Fit-8 ta' Ottubru tal-1559, Wenzu Cassar ħalla fit-testment tiegħu biex titqaddes quddiesa kull sena fil-festa tal-Lunzjata f'din il-knisja, li issa bdiet titqies bħala dedikata lill-*Annunzjazzjoni tal-Madonna*. L-amministrazzjoni tal-knisja għaddiet f'idejn il-patrijiet Karmelitani tal-Imdina. Fl-1570, ir-Rettur tal-benefiċċju kien Dun Alessandru Xerri sa mewtu fl-1594, meta għadda għand Dun Ġlormu Attard li miet fl-1605, u Dun Ġakbu Pace fl-1614 sa mewtu fl-1641. Għalkemm il-knisja ġiet magħluqa għall-pubbliku b'ordni tal-Isqof Cagliares fl-1618, ir-rettorat tal-benefiċċju baqa' jintiret hekk li nsibu 'l Dun Karlu Tabone fl-1641, lil Dun Ċirillu Borg fl-1658, u 'l Dun Piet Camilleri fl-1673.



*Dehra tal-Kappara tħares lejn Marsamxett.*

Il-lokalità eżatta tal-art *Ta' Berdingut*, Mons. Vinċenz Borg jagħtiha qrib is-salib li hemm fit-triq tal-Imrieħel, u l-lokalità tal-kappella ta' Sillatu (li hu żar fis-sittinijiet) kif titla' t-telgħa tal-Kappara mill-Gżira fejn iddur lejn San Ġiljan. Jgħid li l-fdal tagħha kien inkorporat fi blokka bini fi ġnien magħruf lokalment bħala *Il-Ġnien tal-Ġermaniż*. Fl-għalqa tal-Imrieħel kienet inbniet kamra li sas-seklu dsatax kien għad kellha skrizzjoni li tgħid, "*Ex proprietate beneficii simplicis di Bir Dingut ut in actis Notarii Joannis Grech, die 11 Septembris 1727.*" Ir-rettur ta' dan il-benefiċċju kellu l-obbligu li jqaddes kull ħmistax il-ġurnata fuq l-altar ta' San Bjaġju fil-katidral, magħruf bħala *Ta' Paraq*. Dan l-obbligu joħroġ ukoll kemm mill-vista pastorali ta' Cubelles tal-1545 kif ukoll minn dik ta' Dusina tal-1575. Din l-art kellha l-piż ta' ħlas ta' tomna qamħ kull sena f'għexur lill-arċidjaknu.

## Referenzi ġenerali

Għall-istorja tal-Knisja: Vincent Borg, *Melita Sacra*, 3 vol. (Malta: PEG 2008-9; Gutenberg 2015) I: 151-2, 234-5, 322; II: 548, 686; III: 506, 576, 681, 961.

Għat-toponomastika: Godfrey Wettinger, *Place-names of the Maltese Islands: ca. 1300-1800* (Malta: PEG 2000) *passim*.